**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Lucienne Montesin
vs
ISD Company Ltd.

CCT 103/17/MS

15 ta' Jannar 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fl-1 ta' Gunju 2017 fejn talbet is-somma ta' seba' mija u tletin Euro, danni sofferti wara installazzjoni mhux professjonali ta' pannelli fotovoltajici u spejjes ohra inkorsi minhabba xoghol hazin fuq il-bejt tar-rikorrenti da parti tas-socjeta intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata pprezentata fl-1 ta' Settembru 2017 fejn qalet li r-rikorrenti kienet obbligata illi tindika x'tip ta' saqaf kien hemm fuq il-bejt u ghalhekk ma kienux responsabbli. B'danakollu qablu li jhallsu l-ispejjez tal-perit imqabbad mir-rikorrenti biex jirraporta dwar il-hsara.

Ra l-atti tal-process.

Sema x-xhieda.

Ikkunsidra

Illi f'Mejju tal-2016 ir-rikorrenti kienet inkarigat lis-socjeta' intimata sabiex jipprovdulha sistema ta' pannelli fotovoltajici. Saret id-dokumentazzjoni kollha necessarja u l-pannelli gew biex jitwahhlu fuq il-bejt tar-rikorrenti. Ma hemmx kwistjoni dwar il-bejgh u l-kwalita' tal-pannelli. Il-kontroversja qieghda dwar il-metodu uzat biex dawn il-pannelli jitqieghdu fuq il-bejt tar-rikorrenti.

Illi skond ir-rikorrenti ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata kien taha parir li l-frame tal-pannelli jitwahhal direttament gos-saqaf tal-bejt flok bil-bricks u l-kurduni. Ir-rikorrenti ma sabitx oggezjoni ghal dan basta li ma ssirx hsara. Gara pero' illi mal-ewwel xita l-ilma beda jiskula mis-saqaf tal-bejt ghal gol-fond tar-rikorrenti. Ilmentat mas-socjeta' intimata illi

baghtu haddiema sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Minkejja illi s-socjeta' intimata interveniet tlett darbiet sabiex tipprova tirrimedja l-problema, dina baqghet tippersisti u peress illi xxarrab il-kontrabejt, il-parti ta' fuq tal-faccata tal-bini deher imxarrab u baqa' mtebba anke wara li nixef.

Ghall-ewwel is-socjeta' intimata bdiet tinnega kull responsabbilta' pero sussegwentement accetat illi tiehu l-mizuri necessarji sabiex issolvi l-problema. Min-naha taghha, ir-rikorrenti qabbdet il-perit Hector Zammit sabiex jaghti parir tekniku ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Dan iccertifika li l-kawza tal-hsara kienet gejja mit-toqob maghmula mis-socjeta' intimata ghat-tqeghid tal-frame tal-pannelli u ghalhekk issuggerixxa illi jinqalghu il-pannelli, jinghalqu t-toqob, isir tapit tal-membrane u l-pannelli jitqieghdu fuq channels jew gebel. Sadanittant ir-rikorrenti gabet stima ghal tibjid mill-gdid tal-faccata tal-fond taghha, liema stima kienet tlahhaq ic-cifra ta' erba' mija u hamsin Euro. (ara Stima datat 7 ta' Marzu 2017). Oltre dan, tippretendi wkoll mitejan Euro ghal crane, kurduni u trasport kif ukoll it-tmenin Euro spejjes tal-perit. Din l-ahhar spiza is-socjeta' intimata accetat li thallas izda mhux l-ispejjes l-ohra.

Ikkunsidra

Illi ma hemmx dubju illi l-kawza tal-perkolazzjoni tal-ilma fil-fond tar-rikorrenti kien gej mit-toqob maghmula mis-socjeta' intimata sabiex iwahhlu il-frame ghal pannelli fotovoltajici. Ma hemm l-ebda prova illi qabel dan l-intervent kien hemm xi skular tal-ilma mill-bejt tar-rikorrenti. Kienet is-socjeta' intimata li ddecidiet li twahhal il-frame direttament fuq is-saqaf kif jidher fid-dokument esebit f'dawn l-atti datat 4 ta' Gunju 2016 bil-kliem 'Bolted to the Roof' highlighted. Dan jikkorobora ir-risposta tas-socjeta' intimata fejn inghad "il-klijenti qabblu li jwahhlu dirett mal-bejt biex jevitaw il-kurduni'. Dan ifisser illi kien suggeriment tas-socjeta' intimata li jsir hekk u r-rikorrenti qabblu maghha.

It-Tribunal jirrileva illi r-rikorrenti mhijiex persuna teknika u f'cirkostanzi bhal dawn il-klijent dejjem joqghod fuq il-parir tas-supplier li prezumibilment ikun jaf x'qed ighid. Ghalhekk ir-rikorrenti originarjament ma kellhiex oggezzjoni illi l-frames jitwahhlu kif gie suggerit mis-socjeta' intimata. Mhijiex raguni jew skuza illi s-socjeta' intimata tghid illi kien obbligu tar-rikorrenti li tindika x'tip ta' saqaf ghandha u jekk il-bejt kienx ta' qoxra rqiqa jew le. L-obbligu tas-socjeta' intimata kien illi jaghmlu installazzjoni b'mod professjonali skond l-arti u s-sengha u hija haga komunament maghrufa illi m'ghadhomx isiru toqob fil-bejt peress illi dan jippregudika il-waterproofing tieghu. U hija din ir-raguni ghaliex l-usanza komuni hi li l-pannelli jitwahhlu fuq il-bricks mizmuma bil-ventijiet marbuta mal-kantunieri. Ghalhekk ma kienx professjonali min-naha tas-socjeta' intimata li ttaqqab il-bejt meta ma kenitx taf, la l-hxuna u lanqas il-komposizzjoni tal-bejt u t-tobra ta' taht.

Dana jinduci t-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li l-perkolazzjoni tal-ilma gol-bejt tar-rikorrenti kien konsegwenza diretta tat-toqob maghmula mis-socjeta' intimata sabiex iwahhlu l-frames ghal pannelli fotovoltajici. Dan hu konfermat ukoll mil-perit Hector Zammit fir-rapport tieghu.

Dana nghad ghalhekk, il-hsara subita minn din il-perkolazzjoni tal-ilma hija ta' responsabbilta tas-socjeta' intimata li ghaliha ghandha taghmel tajjeb.

Illi r-rikorrenti prezentat elenku tat-talba taghha li jikkonsisti:

€450 - ghat-tibjid tal-faccata tad-dar
€200 - ghal crane, kurduni u bricks
€80 - spejjes tal-perit.

It-Tribunal jidhirlu li dawn l-ispejjes huma moderati, gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €730.00. Bl-ispejjes.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**